# Il-Milied

## In-Nomi



nies



affarijiet



annimali



postijiet



Aqta' sing taħt in-nomi.

1. Marija u Ġużeppi riedu jmorru Betlem.
2. Marija rikbet fuq il-ħmar.
3. Meta waslu Betlem ma sabux fejn jorqdu.
4. Kellhom jorqdu ġo stalla ma' baqra u ħmara
5. Meta twieled Ġesu` , Marija poġġietu f'maxtura.
6. Ġew jarawh ir-rgħajja u ġabu magħhom in-nagħaġ biex isaħħnuh.



Hawn taħt hawn lista li turi dak kollu li niltaqgħu miegħu fil-ġrajja tal-Milied. Fuq il-pitazz qassamhom skont it-tipi ta' nomi differenti li juru. (nies, annimali, postijiet, affarijiet)

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Marija | maxtura | rgħajja | presepju | stilla |
| Nazaret | għar | lukandier | anġli | slaten |
| ħmar | nagħaġ | Ġużeppi | Betlem | ġemel |
| rigali | tarbija | baqra | lukanda | tiben |

Ferrante

# Il-Milied





Il-Milied niċċelebrawh fil-25 ta' Diċembru. F'dan il-jum niftakru fit-twelid ta' Ġesu`. Biex infakkru din il-ġrajja, aħna nagħmlu l-presepju. Fih inpoġġu l-pasturi. Nagħmlu wkoll il-bambin fil-maxtura u npoġġu ħafna ġulbiena quddiemu. Biex inżejnu aħna nagħmlu s-siġra tal-Milied mimlija boċċi kkuluriti u dwal. Aħna npoġġu r-rigali taħtha u niftħuhom nhar il-Milied. Inħobbu mmorru l-quddiesa ta' nofsillejl u nisimgħu l-prietka tat-tifel. Imma qabel immorru naraw il-purċissjoni ta'Ġesu' Bambin li jagħmlu tal-Mużew.







Wieġeb fuq il-pitazz

1. Meta niċċelebraw il-Milied?
2. Min twieled fil-25 ta' Diċembru?
3. Xi jkun hemm fil-presepju?
4. Xi npoġġu madwar Ġesu` Bambin?
5. Biex tkun imżejna s-siġra tal-Milied?
6. Fejn immorru f'nofsillejl?
7. Min joħroġ il-purċissjoni bil-Bambin?

Ferrante